MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Numru. 811/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Darren Psaila iben Alfred u Josephine nee` Lia, imwieled Pieta nhar 19/02/1976 u residenti 60, Sqaq Layri, Zabbar detentur tal-karta tal-identita numru: 171376M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-27 ta' Mejju 2013 u jew fil-perjodu qabel din id-data fl-istess inhawi ta' Haz-Zabbar volontarjament hasser jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-ATM tal-BOV Zabbar liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 ewro izda mhux aktar minn 1164.69 ewro ghad-dannu tal-BOV.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat kkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet, iddispjacieh ghal dak li ghamel u diga qieghed ihallas il-hsarat kagonati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-hati ihallas lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta l-ammont ta' mitejn u hamsa u sittin euro u tnejn u ghoxrin centezmu fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------